MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 739/2000

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**-vs-**

**Alfred Bugeja**

Kumpilazzjoni numru 739/2000

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Bugeja ta' 51 sena, bin Anthony u Rita nee' Debattista, imwieled Tarxien nhar il-15 ta' Novembru, 1948 u residenti fil-fond "La Champignon, Bastion Street, Fgura u detentur ta' karta tal-identita b'numru 988248M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:
a. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skitturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew ippruvaw, u cioe' iffalisifika il-firma ta' Joseph Borg fuq skrittura privata;
b. u aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq
u dan bi ksur ta' l-artikolu 183 u l-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fil-15 ta' Ottubru 2007 meta l-partijiet qablu li l-provi prodotti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta ghandhom jittiehdu daqs li kieku prodotti quddiem il-Qorti kif preseduta.

Semghat ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 18, 183, u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u jistghu jigu riassunti bis-segwenti mod.

Illi fis-sena 1977 l-imputat u l-parte civile Joseph Borg waslu fi ftehiem dwar il-gestjoni ta' fondi kummercjali f'Bugibba. Dan il-ftehiem sar permezz ta' skrittura privata redatta minn, u ffirmat quddiem, in-Nutar Dottor George

Cassar f'l-24 ta' Jannar 1977[1] liema ftehiem kien b'effett mill-1 ta' Lulju 1976.

Illi ftit ta' zmien wara Borg induna li l-imputat kien kera xi parti mill-fond lill-terzi, nqala disgwid bejniethom, u gew intavolati proceduri civili; Borg ghamel kawza ta' zgumbrament kontra l-imputat fil-waqt li l-imputat ghamel kawza kontra Borg apparentement biex jigi dikjarat li l-kuntratt ta' l-24 ta' Jannar 1997 kien wiehed simulat u li fil-fatt huwa kien qed jokkupa l-fondi in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni. Minbarra dawn il-kawzi u tul is-snin gew intavolati diversi proceduri ohra bejn il-partijiet, dejjem ta' natura civili u dejjem dwar il-fond u negozju suggett ta'l-iskrittura fuq imsemmija. Illum iz-zewg partijiet irrizolvew il-pendenzi ta' bejniethom.

Illi skond l-imputat waqt li kien qed ifittex xi dokumenti biex jipprezentahom f'wahda minn dawn il-kawzi fuq imsemmija huwa sab skrittura ta' lokazzjoni iffirmata minnu u minn Borg. Din l-iskrittura kienet datata l-1 ta' Gunju 1976 u kienet taghmel referenza ghall-fondi kollha imsemmija f'l-iskrittura ta'l-24 ta' Jannar 1997. L-imputat jallega li malli sabha, fuq parir tal-konsulent legali tieghu, hadha ghand in-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon biex jittranzuntaha. L-iskrittura fil-fatt giet tranzuntata minn-Nutar Saydon permezz ta'att pubbliku fil-15 ta' Dicembru 1994[2]. Mill-istqarrija ta' l-imputat[3] jirrizulta ukoll li l-iskrittura kif tranzuntata giet prezentata f'wahda mill-kawzi li kien hemm pendenti[4] bejn l-imputat u l-parte civile.

Illi hija propju din l-iskrittura ta'l-1 ta' Gunju 1976 li l-prosekuzzjoni qed tallega li ghandha firma falsifikata u li intuzat mill-imputat meta kien jaf li kienet falsifikata.

---

[1] Kopja awtentikata ta'l-iskrittura originali hiija esebieta bhala Dok GC a fol 26 tal-process; kopja dattilografata hija esebieta bhlala Dok JB a fol 54 tal-process.

[2] Kopja awtentikata ta'l-att pubbliku tal-15 ta' Dicembru 1994 hija esebieta in atti bhala Dok JHS a fol 32; dan id-dokument jinkludi kopja awtentikata ta'l-iskrittura ta'l-1 ta' Gunju 1976 (a fol 33). Kopja dattilografata ta' din liskrittura hija esebieta a fol 91 tal-process.

[3] Rilaxxjata fil-11 ta' Marzu 1997 u esebieta bhala Dok FM2 a fol 12/13 tal-prcess.

[4] Ref l-ewwel paragrafu ta'l-istqarrija f'fol 13.

Illi dwar kif giet redatta u ffirmata din l-iskrittura l-imputat, meta rrilaxxja l-istqarrija fuq imsemmija, qal li l-iskrittura gabha Borg ghandu diga miktuba u li giet iffirmata ghand l-imputat fil-prezenza ta' xulxin pero minghajr xhiedha[5]. Huwa aktar tard f'l-istqarrija jerga jghid li huwa ffirma l-iskrittura flimkien ma' Borg[6].

Illi meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat kien xi ftit titubanti; fil-bidu tad-depozizzjoni tieghu qal li minkejja li ghadda hafna zmien hu jibqa jsostni li l-iskrittura ffirmawha flimkien, aktar tard fid-depozizzjoni, b'l-iskuza tad-dekors taz-zmien, beda jghid li ma setax jiftakar sew pero ghandu "impressjoni" li l-iskrittura ffirmawha flimkien[7].

Illi dwar din l-iskrittura l-parte civile Joseph Borg fid-depozizzjoni tieghu jghid li l-imputat "*ghamel kawza ohra u ppresenta dokument lill-Qorti fejn qal li dan id-dokument kont iffirmajtu jien*"[8]. Mistoqsi minn tah dan id-dokument jew fejn rah, Borg qal "*kien qalli l-avukat tieghu, li sabu, u jien fittixt, qal li qieghed hemm, ghand in-Nutar Saydon u mort ghand in-Nutar Saydon u gibt kopja tieghu u appena gibt il-kopja ghidt lill-avukat li dik mhux il-firma tieghi*[9]. Din id-depozizzjoni ta' Borg inghatat f'l-20 ta' April 2005.

Illi din il-verzjoni ta' fatti rakkontati minn Borg taqbel mal-verzjoni li huwa ta fil-kwerela li kien ghamel lill-pulizija[10]. Hemm hu jghid li sar jaf b'din l-iskrittura minghand il-konsulent ta'l-imputat, li anke tah kopja taghha; imbaghad Borg akkwista kopja ukoll minghand in-Nutar Saydon. Jghid li malli ra din l-iskrittura, li dwar l-ezistenza hu jghid li ma kien jaf xejn, induna li l-firem li suppost kienu tieghu ma kienux tieghu. Borg sar jaf b'l-iskrittura fit-13 ta' Novembru 1995 u ghamel il-kwerela fis-17 ta' Novembru 1995.

---

[5] Ref l-ahhar paragrafu ta'l-istqarrija f'fol 12.
[6] Ref it-tielet paragrafu ta'l-istqarrija f'fol 13.
[7] Id-depozizzjoni ta'l-imputat nghatat fil-15 ta' Dicembru 2008 a fol 154 talprocess.
[8] Ref it-telet paragrafu tad-depozizzjoni f'fol 62.
[9] Ref is-sebgha paragrafu tad-depozizzjoni f'fol 62.
[10] Kopja tal-kwerela hija esebieta bhala Dok DC2 a fol 88 tal-process.

Illi l-verzjoni ta’ Borg hija korroborata mill-ewwel rapport ta’l-espert tekniku Martin Bajada[11] minn fejn jirrizulta li l-iskrittura datata l-1 ta’ Gunju 1976 la giet miktuba u lanqas ffirmata mill-parte civile Joseph Borg.

Illi l-istess espert inghata l-inkarigu li janalizza kampjuni ta’ firem ta’l-imputat biex jipprova jistabillixxi jekk din l-iskrittura inkitbitx mill-imputat u jekk il-firma ta’ “Joseph Borg” saritx mill-imputat. L-espert, pero, bil-kampjuni li kellu a dispozizzjoni tieghu ma kienx f’pozizzjoni ghamel l-analizi komparattiv necessarju.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn u cioe li iffalsifika l-firma ta’ Joseph Borg u li xjentement ghamel uzu minn dokument fasifikat.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni jirrizulta ampjament, mhux biss minn dak li qal il-parte civile, imma anke mill-ezami komparattiv li ghamel l-espert nominat mill-Qorti li l-iskrittura ma nkitbitx minn Joseph Borg u lanqas giet iffirmata minnu.

Illi kif intqal l-espert nominat mill-Qorti ma kienx f’pozizzjoni jaghmel analizi komparattivi biex jisstabilixxi jekk l-firem ta’ Joseph Borg fuq l-iskrittura ta’l-1 ta’Gunju 1976 sarux mill-imputat jew le u ghalhekk l-espert ma seta’ jikkonkludi xejn f’dan ir-rigward.

Illi pero l-Qorti ghandha provi ohra quddiema u dawn ghandha tohodhom in konsiderazzjoni kollha inkluz dawk l-provi indizjarji.

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti ukoll fattur iehor u cioe l-kredibilita ta’l-imputat. Skond l-imputat l-iskrittura giet iffirmata minnu u minn Borg fil-prezenza ta’ xulxin ghand l-istess imputat. Pero gie stabbilit li Borg ma’ ffirmajhiex din l-iskrittura u dan jiskredita lill-imputat.

---

[11] Dok MB1 a fol 111 tal-process.

Illi l-imputat jghid ukoll li huwa kien nesa b'l-ezistenza ta' din l-iskrittura u gie a konjizzjoni taghha biss fis-sena 1994 meta kien qed jifittex xi dokumenti ohra. Anke hawn il-verzjoni ta'l-imputat hija inverosimili ghall-ahhar. F'l-ewwel lok il-Qorti ma tistax tifhem kif meta l-partijiet koncernati ghamlu l-iskrittura ghand in-Nutar Cassar f'l-24 ta' Jannar 1997 m'ghamlu l-ebda referenza ghall-allegata skrittura li suppost saret sitt xhur qabel u dan partikolarment meta n-natura tal-ftehiem li suppost kien diga jezisiti bejnithom u allegatament naxxenti minn dik l-iskrittura ta'l-1976, kien ser jinbidel radikalment.

Illi in oltre jidher li fis-sena 1980 kienu diga nbdew il-proceduri civili bejn il-partijiet[12]; wahda mill-kawzi kienet intavolata mill-imputat biex jattakka l-ftehiem li sar f'l-1977. Il-Qorti difficilment taccetta l-verzjoni ta'l-imputat, anke sal grad tal-probabbli, li kwazi immedjatament ma'l-iffirmar taghha l-imputat nesa din l-iskrittura tant fondamentali ghalih u li kienet il-bazi tat-tezi tieghu fil-proceduri civili, u li kien biss b'kumbinazzjoni li rega' gie a konoxxenza taghha kwazi ghoxrin sena wara.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont ta'l-allegazzjoni ta'l-imputat li Borg iffirma l-iskrittura in kwistjoni fi-prezenza tieghu, u tenut kont ukoll tal-fatt li skond il-verzjoni ta'l-imputat minn meta giet iffirmata l-iskrittura baqghet dejjem fil-pussess tieghu, il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li ffasifika l-l-firma ta' Joseph Borg.

Illi in oltre jirrizulta ex admissis li l-imputat mhux biss ha l-iskrittura ghand nutar biex tigi tranzuntata imma anke prezenta kopja taghha il-Qorti fil-proceduri civili li kien hemm pendenti. Huwa fil-fatt f'l-istqarrija tieghu jghid li l-iskrittura "*ahna prezentajniha f'kawza ohra fejn huwa cioe Borg xehed li ma kenitx maghmula u ffirmata minnu*"[13].

Illi ghalhekk jirrizultaw iz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

---

[12] Ref l-istqarrija ta'l-imputat fejn jaghmel referenza ghal citazzjoni 530/1980JDC (fol 12).

[13] Ref l-ewwel paragrafu ta'l-istqarrija a fol 13 tal-process.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-kwistjonijiet bejn il-parte civile u l-imputat gew risolti, u li l-imputat hallas jew qed ihallas kull ammont dovut minnu lill-parte civile li da parte tieghu rega' ha pussess tal-propjeta tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoi ukoll z-zmien li lahaq ghadda sa kemm giet finalment deciza din l-kawza, dekors ta' zmien li fil-bicca l-kbira mhux ma jahtiex ghalih l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tal-hati u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------